# Jitlesta r-restawr ta' pittura tal-Immakulata Kunċizzjoni

Pittura ddedikata lill-Madonna tal-Immakulata Kunċizzjoni u li tinsab fil-kappella ta' Sant'Andrija, f'Tal-Qares, il-Mosta, inkixfet wara xhur ta' konservazzjoni u restawr estensivi.

Il-proċess sħiħ ta' restawr fuq il-kanvas u l-pittura taż-żejt nnifisha kien iffinanzjat minn Nectar f'konformità mal-valuri ewlenin tal-kumpanija dwar responsabbiltà soċjali.

Saret ċerimonja apposta għall-komunità, benefatturi u *sponsors* li matulha Raymond Grasso, l-uffiċjal għar-relazzjonijiet pubbliċi taċ-Ċentru Pastorali Sant'Andrija, ta deskrizzjoni tal-wirt storiku tal-kappella, filwaqt li Valentina Lupo, konservatriċi tal-pitturi fl-Atelier del Restauro, tkellmet dwar id-diversi fażijiet fir-restawr tagħha. Il-mistednin kienu indirizzati wkoll minn Mons. Edgar Vella u Dun Antoine Borg.

"L-oriġini u l-perjodu tal-pittura sfortunatament ma nafuhx, għalkemm mit-tila distinta ta' lewn kannella hu stmat li l-pittura saret lejn l-aħħar tas-seklu 18," qal Raymond Grasso.

Id-Direttur ta' Nectar Roderick Abela qal li ż-żebgħa taż-żejt kienet fi stat ħażin ta' konservazzjoni u b'hekk kienet ċara l-ħtieġa ta' intervent immedjat ta' restawr. "Nectar immedjatament wieġbet għas-sejħa taċ-Ċentru Pastorali Sant'Andrija li jinsab fiż-żona Tal-Qares. Issa li l-pittura kienet irrestawrata għal kollox, din se tkun tibqa' titgawda mill-komunità preżenti u mill-ġenerazzjonijiet futuri."

Atelier del Restauro kien ikkummissjonat biex jagħmel ix-xogħol ta' konservazzjoni u tar-restawr tal-pittura taż-żejt. Matul is-serata ntwera wkoll il-vidjo li wera l-fażijiet differenti tat-trattament ta' konservazzjoni.

Mibnija madwar l-1436 ad unur Sant'Andrija, il-kappella kienet reġgħet inbniet fl-1657. Fl-1693, l-Isqof ta' Malta f'dak iż-żmien, Fra Davide Cocco Palmieri, għamel żjara pastorali u ddikjara li l-kappella kellha l-faċilitajiet xierqa biex tkun tista' tiċċelebra l-Ewkaristija. Il-kappella kienet affiljata mal-Parroċċa tal-Mellieħa fl-1916.

Il-kappella ta' Sant'Andrija eventwalment serviet taħt tliet parroċċi – dik tal-Mellieħa, tan-Naxxar u tal-Mosta, ilkoll kemm huma ddedikati lill-Verġni Marija.



Il-pittura ddedikata lill-Madonna tal-Immakulata Kunċizzjoni fil-kappella ta' Sant'Andrija fil-Mosta, restawrata